## Order of Proceedings

Oration by Dr Maureen Cole, B.A., B.Soc.Wk.(Hons.), Ph.D.(East Anglia)

Address by Mr Michael Spagnol, B.A.(Hons.)
a representative of the graduands.

Conferment of Degrees

Solemn Declaration by Graduates

**INNU MALTI**

The Congregation rises when the Dignitaries leave the Hall.



graduation booklet 706.indd 1 12/1/06 4:01:08 PM

**Dr Maureen Cole**
Dipartiment tal-Politika Soċjali u Ħidma Soċjali
*Il-Fakulta` ta' l-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy*

Hon. Ministru, Kanċillier, Rettur, kollegi, mistednin distinti, ġenituri, ħbieb u gradwandi. Nixtieq nagħtikom merħba għaċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni.

Nibda billi nifraħ mil-qalb lil dawk kollha li ser jiggradwaw sew illum kif ukoll fil-jiem li ġejjin. Nifraħ ukoll lill-ġenituri tagħkom, lis-sieħeb jew sieħba tagħkom kif ukoll lil dawk kollha li għinukom taslu s'hawn illum. Tajjeb niftakru li t-triq li wasslitkom s'hawn ma mxejtuhiex waħedkom!!

Minkejja l-importanza ta' dan il-pass li ser tieħdu illum huwa biss parti minn proċess sħiħ ta' żvilupp akkademiku u professjonali li jtul ħajjitkom kollha. Nixtieq nitkellem ftit dwar il-pass li jmiss. Għal ħafna minnkom dan huwa dak li jdaħħalkom fid-dinja tax-xogħol. Xi wħud minnkom diġa dħaltu fiha sew permezz tal-ħidma li kontu tagħmlu waqt lis-studju kif ukoll issa bħala gradwati.

Nixtieq nislet xi idejat minn kunċett u prattika li jitħaddmu fil-professjoni tiegħi tax-xogħol soċjali- (social work) għax naħseb li il-prinċipji li fuqhom hija ibbażata din il-prattika huma trasferribbli għal kuntesti u xogħlijiet differenti. Jidhrli ukoll li dawn il-prinċipji jistgħu ikunu ta' siwi kbir għal gradwati ġodda. Din hija l-prattika tas-sorveljanza (supervision) tal-ħaddiema soċjali. Nixtieq niċċara li minkejja t-terminu, din il-prattika ma tinvolvix biss l-aspett amministrattiv jew manaġerjali iżda tinkludi diversi aspetti oħra bħall-appoġġ u l-edukazzjoni. Għaldaqstant tajjeb li nagħti definizzjoni għax ma nixtieqx li niftiehem ħazin:

*'Supervision is the primary means by which an-agency-designated supervisor enables staff, individually, and collectively; and ensures standards of practice. The aim is to enable the supervisee(s) to carry out their work, as stated in their job specification, as effectively as possible.... The supervisee is an active participant in this interactional process' (Brown and Bourne 1996).*

X'inhuma l-prinċipji fondamentali li fuqhom hija ibbażatha din il-prattika?

- L-Aqwa Servizz;
- Edukazzjoni u Taħriġ;
- L-Appoġġ;



graduation booklet 706.indd 2 12/1/06 4:01:08 PM

- Ħidma ta’ Flimkien u
- Ħidma Regolamentata.

L-Aqwa Servizz

Naħseb li joħroġ biċ-ċar minn din id-definizzjoni li din il-prattika għandha l-għan li tgħin lill-ħaddiema jagħtu l-aqwa servizz possibbli lill-klijenti tagħhom. Dan il-prinċipju jgħodd għal kulħadd. Dan għandu jkun l-għan tagħna kollha, hu x’inhu l-qasam li qegħdin naħdmu fih, sew jekk hu tal-manifattura kif ukoll tas-servizzi. Joħroġ ukoll li biex nagħmlu dan ikun jeħtiġilna l-għajnuna ta’ persuni oħra li għandhom esperjenza u kompetenza aktar minnha. Ir-rispett lejn min diġa qiegħed jaħdem fil-qasam huwa importanti. Barra minn hekk, il-ħaddiema jeħtieġ li jagħtu kont tal-ħidma tagħhom lejn minn qiegħed imexxi, izda aktar fondamentali minn hekk, lejn min qiegħed jirċievi s-servizz tagħhom.

Inħeġġiġkom biex ma’ tikkuntentawx b’ħidma li tagħti servizz jew prodott medjokri. Għamlu ħilitkom biex dejjem tagħtu l-aqwa servizz!

Edukazzjoni u Taħriġ Kontinwu

Valur importanti li fuqu hija mibnija din il-prattika huwa l-għarfien tal-ħtieġa ta’ edukazzjoni u taħriġ kontinwu. Permezz ta’ laqgħat regolari mal- membri tal-istaff li huma responsabbli għal-ħidma tagħhom, il-ħaddiema l-ġodda jitgħallmu dak li jeħtiġilhom ikunu jafu biex iwettqu ħidmithom b’mod effettiv. Iżda mhux hekk biss, hija r-responsabilta’ ta’ min qiegħed fuqhom li jgħinhom biex jagħmlu dan. Dan il-proċess tant jitqies importanti li biex gradwati ġodda jiksbu l- *‘warrant’* jeħteġilhom jipprovaw li jkunu ħadmu taħt is-sorveljanza ta’ ħaddiem soċjali reġistrat.

Għalhekk din il-prattika tagħraf l-importanza tal-proċessi meħtieġa biex persuna tidħol fid-dinja tax-xogħol u tasal biex tagħti kontribut siewi. Dan il-proċess, li jkun beda waqt is-snin ta’ istudju fl-Universita’, ma jsirx waħdu u jeħtieġ li jitkompla ladarba persuna tidħol fid-dinja tax-xogħol. Fil-każ tal-professjonijiet, huwa parti importanti mill-proċess ta’ soċjalizzazzjoni fil-professjoni. Nixtieq nisħaq fuq dan il-punt għax nibża’ li sforzi kbar li jsiru waqt l-istudju u taħriġ jistgħu jintilfu jekk gradwati ġodda li ser jibdew il-professjoni jew ħidma tagħhom ma jsibux l-għajnuniet meħtieġa biex jagħmlu din it-transizzjoni bl-aktar mod effettiv. Importanti li dawn l-għajnuniet isiru parti integrali mill-istrutturi fil-postijiet tax-xogħol.

Id-diskussjoni li ssir bħala parti mill-proċess tal-prattika ta' sorveljanza toffri ukoll l-opportuntita' lill-ħaddiema soċjali biex jirreflettu u janalizzaw l-ħidma tagħhom sabiex jkunu jistgħu jitgħallmu mil-esperjenza. B'hekk ikomplu jitrawmu fil-proċessi ta' riflessjoni u analisi kontinwa li jagħmlu parti importanti mil-edukazzjoni u taħriġ fl-Universita`. Din ir-riflessjoni u analisi hija meħtieġa biex kull ħaddiem ikun jista' jirrispondi b'mod kreattiv u innovattiv għal ħtiġijiet soċjali ġodda.

L-Appoġġ

Dawk li jaħdmu ma' persuni fid-diffikulta` u ta' kuljum iħabbtu wiċċhom ma' l-uġiegħ ta' l-umanita`, bil-mod il-mod jibdew jħossuhom mgħobbija b'piżijiet kbar. Dan il-proċess, ħafna drabi, jissarraf f'tensjoni li tfixkilhom sew fix-xogħol kif ukoll fil-ħajja personali tagħhom. Għalhekk, il-htieġa ta' appoġġ professjonali li jgħinhom inaqqsu din t-tensjoni u jassigura li jistgħu ikomplu joffru s-servizz tagħhom b'mod l-aktar uman u effettiv hija kbira. L-appoġġ ma jiġix waħdu izda jingħata permezz ta' relazzjoni posittiva ta' bejn min qiegħed jissorvelja u min qiegħed jiġi ssorveljat.

Minkejja li r-raġunijiet jistgħu ikunu varji, it-tensjoni saret parti integrali mill-ħajja professjonali ta' kulħadd. Għalhekk l-appoġġ huwa meħtieġ minna kollha u għandu jkun hemm mekkaniżmi fil-postijiet tax-xogħol li jassiguraw li dan jingħata. Hija ukoll responsabilta` tagħna li infittxu dan l-appoġġ għax permezz tiegħu nistgħu nkomplu inkunu effettivi f'ħidmitna.

Ħidma ta' Flimkien

Il-ħidma ta' flimkien, bħala tim, b'mod kolleġġjali, hija aspett fondamentali tax-xogħol soċjali. Minkejja li ħafna drabi is-sorveljanza issir fuq bazi individwali, l-kuntest tat-tim jew grupp jagħmel parti importanti mid-diskussjonijiet li jsiru. Barra minn hekk ħafna mil-ħidma issir flimkien jew permezz tat-tim. Din titlob għarfien strutturali dwar it-tim jew grupp li wieħed jew waħda qiegħed jaħdem fih iżda fuq kollox titlob li nifhmu il-proċessi involuti meta persuni jaħdmu flimkien. Dawn il-proċessi jafu jkunu kumplessi u diffiċli, għalhekk neħtiġu mpenn kbir biex jirnexxielna nagħmlu dan.

Naħseb li l-bżonn li naħdmu flimkien, aktar ma nmorru, qiegħed isir importanti għall-kull qasam ta' xogħol jew ħidma. Għalhekk nixtieq inħeġġiġkom biex tagħmlu minn kollox biex titgħallmu taħdmu flimkien. Ħudu kull opportunita` ta' tagħlim u taħriġ li jgħinkom tifhmu aħjar x'tinvolvi l-ħidma ta' flimkien. Nittama li l-ħidma ta' flimkien huwa wieħed mill-valuri li kiber fikom fiż-żmien li għamiltu l-Universita` u li ser tkomplu twettquh fil-prattika.



graduation booklet 706.indd 4 12/1/06 4:01:08 PM

Ħidma Regolamentata

Dan hu aspett importanti li jitwettaq permezz tas-sorveljanza li tingħata lil ħaddiema soċjali. Wieħed mil-għanijiet prinċipali huwa li l-ħidma issir skond il-liġi, skond il-kodiċi ta' etika tal-professjoni u skond l-istandards ta' prattika tal-qasam partikolari. Dawn huma mezzi importanti li jirregolaw il-prattika u li jgħinu biex din issir skond standards stabbiliti.

Il-proċess ta' regolamentazzjoni ta' oqsma differenti huwa importanti ħafna għaliex dan huwa wiehed mill-mezzi prinċipali li jassigura li x-xogħol jew il-prodott qiegħed jilħaq l-livell mistenni. Dan il-proċess huwa importanti ukoll għax jagħti ċ-ċans liċ-ċittadini biex jkunu jafu dak li jistgħu jistennew u jieħdu bi dritt. Nistedinkom biex tirrispettaw dawn s-sistemi fil-ħidma tagħkom u biex tħabbirku biex iddaħħluhom f'dawk l-oqsma fejn għadhom ma daħlux.

Konklużjoni

Agħżilt li naqsam magħkom dawn l-idejat għax nemmen li minkejja s-sempliċita` tal-prinċipji li tkellimt dwarhom mhux faċli twettaqhom fil-ħidma ta' kuljum. Nistedinkom tilqgħu din l-isfida!

*I would like to end in English for the benefit of the non-Maltese speakers amongst you. I wish you well for the future. You have good reason to celebrate- well done! Please remember that the doors of the University will always be open to you. We are more than happy to be of help to you whenever you need us.*

REFERENZA

Brown, A. and Bourne, I. (1996) *The Social Work Supervisor: Supervision in community, daycare and residential settings. Buckingham and Philadelphia: Open University Press.*



graduation booklet 706.indd 5 12/1/06 4:01:08 PM

**BACHELOR OF ARTS**
*Sponsor:* Prof. D. Fenech

Nadine ABUSWAI
Edmond APAP
Cynthia AQUILINA
Kurt BALZAN
Sonia BEZZINA
Antonella BONAVIA
Astrid BONNICI
Greta Anne BONNICI
Sabrina BORDA
Eric BORG
Gordon BORG
Stefan BUSUTTIL*
Qiuye CAI
Christine CAMILLERI
Pauline CAMILLERI
Terence CASSAR
Christine CUSCHIERI
Emmilyn DEBRINCAT
Claire ELLUL
Christopher FRANCALANZA
Aaron GALEA
Loretta GATT
Roberta Maria GATT
Maria Antonella GENOVESE
Roberta GRECH
Alison HIGGANS
Jing Tong LIU
Malcolm Joseph MALLIA
Christian MIFSUD
Josef MIZZI
Marthese MIZZI
Derek MUSCAT
Michael NEMECEK
Yulia SHADRINA
Mevrick SPITERI
Sarah Marie SPITERI
Yi TANG
Christian VELLA
Renata ZERAFA

**BACHELOR OF ARTS (HONOURS)**
*Sponsor:* Prof. D. Fenech

Maryann AGIUS
Victoria AGIUS
Monique AQUILINA
Angelique ATTARD
Marouska ATTARD
Noel ATTARD
Sarah ATTARD
Jonathan AZZOPARDI
Juliette AZZOPARDI
Maureen AZZOPARDI
Roberta AZZOPARDI
Ann Marie BARTOLO
Angela BIANCHI
Richard BILOCCA*
Michael BONANNO
Graziella Maria BONNICI
Krista BONNICI
Elizabeth BORG
Neville BORG
Sarah BORG
Antonella BOUVETT
Clayton BRINCAT

* *in absentia*

**BACHELOR OF ARTS (HONOURS)** ***(contd)***

Clive BROCKDORFF
Georgette Marie BUGEJA
Stephanie BUGEJA
Marissa Angela BUSUTTIL
Keith BUTTIGIEG
Clint CALLEJA
Diana CARABOTT
Gordon CARUANA
Jane CARUANA
Tamsin CARUANA
Clifton CASHA
Claire CASSAR
Kenneth CASSAR
Martin CASSAR*
Amanda CATANIA
Audrey CEFAI
Bernadette CILIA
Sylvana CREMONA
Maria CUSCHIERI
Maureen CUTAJAR
Janice DEBATTISTA
Christian DEBONO
Christine DEBONO
Daniel Anthony DEBONO
Ritianne DEBONO
Dorianne DECESARE
Marlene ELLUL
Marlon FALZON
Claudia Maria FARRUGIA
Graziella FARRUGIA
Kurt FARRUGIA
Lorraine FARRUGIA
Maria Teresa FARRUGIA
Nathalie FARRUGIA*
Alicia Anna FAVA
Chantelle FENECH
Elaine FENECH
Maria FENECH
Robert FENECH
Shirley FENECH
Rachel FERRIGGI WALDRON
Clifford GALEA
Fabian GALEA
Natasha GALEA
Charmaine GATT
Henry Franz GAUCI
Charlene GENOVESE
Sloane GOODLIP
Marlon GRECH
Monique J GRECH
Priscilla Ainhoa GRISCTI
Dario GRIXTI
Mariella GRIXTI
Rachel GUILLAUMIER
Stanislava IVANOVA
Tamara JOVANOVIC
Maria MALLIA
Tanya MATEEVA
Elizabeth Jane MICALLEF
Sarah Jane MICALLEF
Melanie MICALLEF CARR
Fabrizio MIFSUD
Tiziana MIFSUD
Vincianne MIFSUD
Carole MIZZI
Josephine Bennet NEAME
Omar Simon N'SHEA
Antoinette PERRETT
Michael PORTELLI
Paul Simon PORTELLI
Sarah Jo PORTELLI
Romina POWELL
Tamara PSAILA
Denise PULIS

** in absentia*



graduation booklet 706.indd 7 12/1/06 4:01:09 PM

**BACHELOR OF ARTS (HONOURS)** ***(contd)***

Simon Linton SANCTO
Dorothy SCERRI
Analise SCHEMBRI
Tamara SCHEMBRI
Ian SCICLUNA LAVIERA
Laura SGHENDO
Lida SHERAFATMAND
Jocelyn SPAGNOL
Michael SPAGNOL
Sarah SPITERI
Stephen SPITERI STAINES
Francesca THEUMA
Matthew THEUMA
Carine VAN OEVELEN
Richard VASSALLO
Charlene VELLA
Edward VERNON
Roderick WHITE
Jason XUEREB
Annemarie ZAMMIT
Cosette ZAMMIT
Maria ZAMMIT
Sandra ZAMMIT
Sylvana Marie ZAMMIT



graduation booklet 706.indd 8 12/1/06 4:01:09 PM